2024/1862

1.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2024/1862

tat-28 ta' Ġunju 2024

li tipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għal President tal-Kummissjoni

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(7) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li, b'kont meħud tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u wara li jkunu saru l-konsultazzjonijiet xierqa, il-Kunsill Ewropew jipproponi lill-Parlament Ewropew kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea.

(2) L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew saru bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju 2024, f'konformità mal-Artikolu 11(2), l-ewwel subparagrafu, tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett ([1]).

(3) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Nru 11 annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Liżbona ([2]), ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew għamlu l-konsultazzjonijiet meħtieġa.

(4) Għaldaqstant jenħtieġ li jiġi propost lill-Parlament Ewropew kandidat għal President tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Ursula VON DER LEYEN hija b'dan proposta lill-Parlament Ewropew bħala kandidat għal President tal-Kummissjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President

C. MICHEL

([1]) L-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5).

([2]) ĠU C 326, 26.10.2012, p. 344.